**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, 16 ta' Gunju 2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Anthony Cauchi**

**Emmanuel Barbara**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Anthony Cauchi, iben Francis u Marjanna *nee'* Vella, mwieled il-Mellieha, nhar l-1 ta' Frar, 1947, residenti gewwa 70, Arzella, Triq ix-Xaghra ta' Barra, il-Mellieha, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 221047M, u fil-konfront ta Emmanuel Barbara, iben John u Grazia *nee'* Spagnol, imwieled il-Pieta', nhar l-1 ta' Gunju, 1958, resident gewwa 111, Triq Santa Marija, l-Gudja, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 415058M, senjatament akkuzati talli;

1. Fit-3 ta' Mejju, 2019, ghall-habta ta' 08:00*hrs* waqt li kienu qeghdin fl-inhawi tat-Torri l-Ahmar, limiti tal-Mellieha, waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, hadu jew ippruvaw jiehdu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-Regolament 4 (1) (a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kkaccjaw jew ippruvaw jikkaccjaw, hadu jew ippruvaw jiehdu xi ghasfur billi wzaw lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7 (1) (i) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, hadu jew ippruvaw jiehdu b'xi mezz, xi ghasfur u dan bi ksur tar-Regolament 18 (1) (c) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba li barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-oggetti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga that ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti ezebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta li fit-3 ta' Mejju 2019, waqt stagun maghluq ghall-insib, l-pulizija rceviet rapport mill-CABS li kien hemm xi hadd qed jonsob ghall-gammiem fl-inhawi tat-Torri l-Ahmar, limiti tal-Mellieha. Skond PS1030 Theuma, hekk kif il-pulizija wasslu fil-post indikat lilhom huma setghu josservaw lil xi persuni jaharbu minn fuq il-post. Skond l-affidavit ta' PC217 jinghad li ftit metri 'il boghod mill-mansab kien hemm persuna maskili fuq il-mobile phone li giet identifikata bhala Emmanuel Barbara. Fil-post fejn kienu setgha jigi osservat li kien hemm xbiek u gammiema hajja tat-tahrik. Il-membri tal-CABS infurmaw lill-pulizija li huma hadu filmat. Fl-affidavits taghhom l-ufficjali tal-pulizija ddikjaraw li mill-investigazzjonijiet taghhom irrizulta li l-persuni li kienu fid-dura tal-imsemmija mansab kienu l-qua imputati – Emmanuel Barbara u Anthony Cauchi. Huma gew mghajta mill-pulizija, fejn wara li nghataw id-drittijiet kollha aspettanti lilhom skond il-ligi, Barbara kkonferma li kien fid-dura fuq il-mansab pero ma kienx qieghed jonsob. Jiddikjara ukoll li harab ghax beza hekk kif ra lill-pulizija. Cauchi ddikjara li gieli mar fuq il-mansab pero ma kienx jiftakar dakinhar mertu tal-imputazzjonijiet odjerni.

Ta' min jinghad li prova fuq min hija rregistrata l-vettura li tidher fil-filmat ma tressqet qatt mill-prosekuzzjoni.

Illi jibda biex jinghad li mill-filmat ezebiet ghalkemm jirrizulta li kien hemm attivita' tal-insib (partikolarment meta wiehed jara l-parti tal-filmat fejn il-pulizija zzarma l-mansab) hadd mill-imputati ma jintgharaf sal-grad rikjest mil-ligi. Dak li x-xhud Burrows tindika bhala 'suspect 1" fl-ebda istanza ma jidher b'mod car anke tenut kont li kien libes beritta u li l-filmat kien qed jittiehed mill-boghod. Dak li Burrows tindika bhala 'suspect 3' f'kull hin kien libes nuccali tax-xemx kbir u iswed u f'istanzi anke kappell. Dawn ukoll kien ta xkiel sabiex il-qua imputati jintgharfu. Burrows tgharraf lill-qua imputat fizikament fl-awla madanakollu dina l-Qorti fic-cirkostanzi hawn fuq imsemmija ma hijiex tal-fehma li tista tistrieh unikament fuq l-identifikazzjoni ta' Burrows ghall-identifikazzjoni tal-qua imputati sal-grad rikjest mil-ligi.

Ghal kull bon fini jinghad ukoll li Barbara ammetta mal-pulizija li huwa kien fuq il-mansab dakinhar madanakollu jiddikjara li huwa ma kienx mar hemm jonsob. Minn analizi tal-filmat jirrizulta car li ma kienx is-suspettat indikat bhala Barbara li arma l-mansab. Izda jidher car li dak il-persuna indikat bhala Barbara wasal izjed tard mill-ohrajn hekk kif anke tikkonferma r-rapprezentant tal-CABS kemm fix-xhieda u anke fir-rapport taghha. Tenut kont ta' dan kollu dina l-Qorti hija ukoll sprovvista minn prova li l-imputat Barbara kien effettivament fuq is-sit qed jonsob.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti qed issib lill-qua imputat – Anthony Cauchi u Emmanuel Barbara mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontriehom u konsegwentament qed tilliberahom mill-istess.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur